*DISABILITA` PERMANENTI*

*KOLLIZZJONI*

# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI.

**IMHALLEF.**

**ONOR. RAYMOND C. PACE. LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha 4 ta' Lulju, 2001**

**Kawza Numru. 15**
**Citaz. Numru. 2215/99/RCP.**

**David Galea**

**vs**

**Carmelo Ellul**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol 1 tal-process fejn gie premess:

Illi fis-27 ta' Jannar 1996 ghal xi s-7.00 p.m., waqt li l-attur kien qed isuq car Mazda Nru. F-9340 go Triq Reggie Miller, Gzira, din sfat involuta f'incident awtomobilistiku mal-car Toyota Nru. H-7738 misjuqa mill-konvenut (Dok. 1);

Illi bhala konsegwenza ta' dan l-incident, l-attur garrab danni risultanti mill-griehi li sofra fil-persuna tieghu u li wasslu ghal debilita' ta' natura permanenti kif iccertifika t-Tabib Kirurgu Charles Grixti (Dok. 2);

Illi ghall-incident u konsegwenzjali danni kien jahti unikament il-konvenut minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti;

Illi l-konvenut, interpellat biex jaghmel tajjeb ghad-danni subiti mill-attur, baqa' inadempjenti;

L-istess attur talab li ghalhekk il-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex

1. tiddikjarah unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku fuq riferit u ghad-danni kollha li b'konsegwenza tal-istess garrab l-attur

2. tillikwida d-danni tal-attur occorrendo bl-opra ta' periti nominandi ; u

3. tikkundannah ihallas lill-attur dak l-ammont li jigi dikjarat bhala dovut minnu in linea ta' danni.

Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-13 ta' Ottubru 1997, dawk tal-ittra ufficjali tal-20 ta' Settembru 1999, u dawk tal-ittra ufficjali presentata kontestwalment ma' dan l-att ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut bl-odjerni proceduri, u bl-imghax legali, kontra l-konvenut li huwa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 *et sequitur* tal-process.
Rat id-dokumenti ezebiti mac-citazzjoni attrici.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Illi r-responsabbilita' ghall-incident awtomobilistiku in kwistjoni ilha li giet ammessa u ghalhekk l-eccipjent m'ghandux ibaghti l-ispejjes ta' din it-talba;

2. Illi m'hemmx qbil bejn il-partijiet dwar il-likwidazzjoni tad-danni rizultanti mill-griehi sofferti mill-attur li allegatament ikkawzawlu denillita' permanenti stante li d-danni reklamati mill-istess attur huma esagerati;

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjazzjoni tal-konvenut a fol 14 *et sequitur* tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti tal-14 ta' Marzu 2000 fejn il-Qorti nnominat bhala perit mediku lil Mr Anthony Bernard biex jirrelata dwar l-allegata dizabilita` permanenti wara li jiehu konjizzjoni tac-certifikati medici ta' Mr Frederick Zammit Maempel u Mr Charles Grixti; tas-16 ta' Mejju 2000; tal-21 ta' Gunju 2000; tal-24 t'Otturu 2000 fejn Mr A Bernard bhala perit mediku halef ir-rapport; tal-5 ta' Dicembru 2000; tat-13 ta' Frar 2001 fejn xehed David Galea. Dr Zammit McKeon iddikjara li f'dan l-istadju m'ghandux provi aktar.

Rat in-nota tal-konvenut a fol 53 *et sequitur* tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 t'April 2001 fejn xehed in kontro-ezami David Galea u xehed ukoll Hugh Zammit. Dr Audrey Demicoli ddikjarat li m'ghandhiex provi aktar, u talbet li taghmel nota ta' osservazzjonijiet. Il-Qorti laqghet it-talba u pprefiggiet terminu ta' ghoxrin gurnata bin-notifika lid-difensur tal-kontro-parti li jkollu ghoxrin jum biex jirrispondi. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-4 ta' Lulju 2001.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi dwar ir-responsabilita` tal-incident *de quo* din hija ammessa mill-konvenut kif jirrizulta mill-eccezzjonijiet tieghu u mid-dikjarazzjoni annessa mac-citazzjoni attrici. Illi fil-fatt irrizulta li l-konvenut tramite l-assigurazzjoni tieghu kien ammetta r-responsabilita` tal-incident sew qabel il-prezentata ta' din ic-citazzjoni peress li l-istess socjeta` assiguratrici hallset id-danni tal-vettura attrici li gew necessitati sabiex tissewwa l-hsara sofferta minhabba l-incident *de quo*.

Illi l-kwistjoni pendenti hija li l-attur qed jallega li sofra dizabilita` permanenti kawza ta' dan l-incident, filwaqt li l-konvenut min-naha tieghu qed isostni li d-danni reklamati mill-istess attur huma esagerati.

Illi fix-xhieda tieghu **David Galea** qal li huwa thallas id-danni tal-karozza – li kienet ta' missieru – u li l-kwistjoni hi fuq *personal injury claim*. Huwa qal li llum il-gurnata ghandu 23 sena u fi zmien l-incident kien ghadu s-6$^{th}$ Form u kellu biss stipendju bhala dhul. Sussegwentement f'Gunju 1996 (l-incident sehh fis-27 ta' Jannar 1996) beda jahdem bhala *insurance clerk* ma Laferla Insurance Agency u dam maghhom kwazi sentejn, prezentament u ghal dawn l-ahhar sentejn u nofs qed jahdem ma Middle Sea Insurance p.l.c.

huwa pprezenta l-P3's tieghu ghas-snin 1996 – 2000 (immarkati Dok DG1 sa Dok DG6). Kif ukoll ipprezenta d-dokument li fuqhom dehrlu li kellu jaghmel il-*claim* (Dok DG7) u zewg kontijiet *ai fini* ta' *damnum emergens*.

In kontro-ezami qal illi hu beda jahdem ma Laferla Insurance Agency sitt xhur wara l-incident. Mentri qabel l-incident kien biss student tas-6th Form bi stipendju. Illi sussegwentement ghax-xhieda tieghu, kellu kambjament fis-salarju tieghu u dan b'effett mill-1 ta' Jannar 2001 gie rivedut ghall-Lm5,411 fis-sena (vide Dok JZM1).

Xehed ukoll **Hugh Zammit**, rapprezentant ta' Gasan Mamo Insurance Agency li hu Manager fil-Motor Claims Department. Huwa spjega li l-konvenut kien assigurat maghhom u li l-kwistjoni tar-responsabilita` ghall-incident giet rizolta. Dan peress illi fis-26 ta' Frar 1996 thallset il-hsara tal-karozza kollha. Illi saru jafu li l-attur sofra wkoll dizabilita` permanenti permezz ta' telefonati minn missieru. Huma talbu l-P3 diversi drabi, pero` dawn qatt ma gew prodotti, u dawn id-dokumenti rawhom l-ewwel darba meta gew prezentati fl-atti tal-kawza. Kien ghalhekk li ma hallsux. Inoltre` qal li saru jafu bl-*injury* wara li kienu hallsu l-vettura.

In kontro-ezami qal li huma hallsu d-danni tal-karozza *subject to* illi ma ssirx *injury claim*. Pero` hu minnu li

kien hemm ammissjoni ta' responsabilita`. Kien hemm skambji ta' korrispondenza fuq il-kwantifikazzjoni ta' danni. Inoltre` qal li m'hemm l-ebda dokument fejn is-socjeta` assiguratrici nfurmat lill-atturi li kienet qed izzomm il-claim minhabba li ma pproduciex il-prova tad-dhul. Kien hemm rifjut min-naha taghhom ghall-figuri proposti pero` dan minhabba li ma kellhomx id-dokumenti necessarji. Illi huma ghamlu offerta, bla pregudizzju, ghas-somma ta' tlett elef lira Maltin u din nonostante li ma kellhom l-ebda prova ta' dhul. Illi pero` x-xhud qal illi fil-11 t'Awissu 1998 kellhom laqgha huma u d-difensur ta' l-attur ta' dak iz-zmien Dr J Ciappara u kien ghamel notament fejn saret l-offerta ta' Lm3,000 '*as long as we obtain David Galea's payslip*'. Pero` ammetta li fil-korrispondenza skambjata din l-kondizzjoni ma gietx imnizzla bil-miktub. Illi apparti tali laqgha rrizulta li sussegwenti ghal din il-laqgha kellhom ohra fil-11 ta' Mejju 1999.

Illi jinghad li minn Dok AD4 (fol 57 tal-process) li hi l-offerta li saret mis-socjeta` assiguratrici bla pregudizzju lill-attur ta' Lm3,000 datata 12 ta' frar 1999 irrizulta li hu minnu li tali offerta ma giet marbuta ma ebda kundizzjoni. Kwindi r-raguni li tat is-socjeta` assiguratrici Gasan Mamo Insurance Agency bhala raguni ghaliex l-attur ma thallasx mhix gustifikata bizzejjed. Fil-fatt irrizulta li kien hemm skambju ta' korrispondenza bejn il-partijiet sa minn Gunju 1997 u fl-ebda ittra ma kien hemm espress li riedu jaraw il-

*payslips* tal-attur. Kwindi din il-Qorti ma ssib l-ebda nuqqas fil-komportament tal-attur kif gie allegat.

Konsegwentement jibqa' biss illi din il-Qorti tillikwida d-danni sofferti mill-istess attur. Illi fil-kaz odjern jirrizulta li David Galea sofra diazbilita` permanenti. Illi l-Perit Mediku Mr Anthony Bernard li gie nominat minn din l-Onorabbli Qorti kkonkluda fir-rapport tieghu illi: "*Is-Sur Galea baqa' jilmenta minn tfaqqih u eghbusija f'ghonqu wara li kien involut f'incident tat-traffiku f'Jannar 1996. Ghalkemm hu diga kellu storja ta' skoljosi ma kienx jilmenta minn sintomi f'dahru jew ghonqu qabel dan l-incident. Minn naha l-ohra l-ezami kliniku u l-X-Rays ma jindikaw ebda nuqqas ta' allinjament jew instabibilita` fl-ghonq. Ghalkemm jista' jkun hemm xi ticrit parzjali fil-ligamenti u t-tissues m'ghandu jkun hemm ebda deterjorament fis-sintomi tieghu.*

*Ghalhekk id-dizabilita` tieghu permanenti huwa ta' tlieta fil-mija (3%)"*.

Illi fil-process gie wkoll esebit rapport li sar *ex-parte* mill-attur ta' Mr Charles J Grixti fejn huwa wasal ghall-konkluzzjoni illi d-dizabilita` permanenti ta' l-attur hija ta' hamsa fil-mija (5%).

Illi din il-Qorti thoss li m'ghandiex tvarja l-opinjoni espressa mill-espert mediku nominat minnha stess, cioe` li d-dizabilita` permanenti tal-attur li sofra

b'konsegwenza tal-incident mertu tal-kawza odjerna hija dik ta' 3%. Tali konkluzjoni lanqas ma giet opposta mill-konvenut.

Illi jirrizulta illi l-attur David Galea kellu (18) tmintax-il sena meta sehh l-incident u tenut kont tal-**Artikolu 1045 tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta' Malta, li jipprovdi li l-*"persuna responsabbli ghandha twiegeb (*inter alia) *ghat-telf ta' qligh li tbati 'l quddiem minhabba inkapacita' ghal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-ghemil seta' jgib".* **Fl-artikolu 1045 (2)** tali "*somma li ghandha tigi moghtija ghal din l-inkapacita' tigi stabilita' mill-Qorti, wara li tqis ic-cirkostanzi tal-kaz, u b'mod partikolari, x-xorta u il-grad ta' inkapacita' ikkagunata, u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-hsara".*

Illi tali regoli gew supplimentati bil-principji stabbiliti fil-kawza **"Michael Butler vs Peter Christopher Heard"** (A. 22 ta' Dicembru 1967) li pero' giet aggustata ghaz-zminijiet aktar ricenti peress li kif intqal fil-kawza **"Salvatore Mifsud vs Carlo Camilleri et"** (A. 16 ta' Novembru 1983) *"ic-cirkostanzi tal-hajja anke fil-Gzira taghna nbidlu konsiderevolment u l-ammonti qeghdin isiru fuq kriterji ferm differenti minn dawk li kienu jsiru ghaxar snin jew ghoxrin sena ilu".*

Hekk per ezempju ghar-rigward tal-*multiplier* applikat ghall-kuncett tal-*working life expectancy of the victim*

fejn qabel ic-*ceiling* qatt ma eccedda l-20, pero' llum bis-sentenza **"Mary Bugeja nomine et vs George Agius nomine"** (App. 26 ta' Lulju 1991) is-sitwazzjoni tbiddlet ghaliex l-istess Onorabbli Qorti rrikonoxxiet illi ghalkemm is-sistema stabilita f'**Butler vs Heard** hija dik l-iktar addatta, sakemm tinstab sistema ohra ta' komputazzjoni aktar gusta, pero' dan ma jfissirx illi "*Il-Qorti ghandha jew tista' tikkonsidra ruhha marbuta rigorozament ma' applikazzjoni tas-sistema msemmija li jorbtilha idejha li dejjem u f'kull kaz ghandha tapplika multiplier li f'certi cirkostanzi evidentement ikun iwassal ghall-likwidazzjoni irreali jekk mhux addirittura ngusti. Fil-fehma konsiderata taghha, sistema, tkun liema tkun, hija tajba purche' thalli f'idejn il-gudikant dak il-margni ta' diskrezzjoni li hu jhoss li konformement ma' l-aspetti partikolari ta' kull kaz hu necessarju sabiex issir gustizzja".*

Illi dan gie segwit bis-sentenza **"Vincent Axisa vs Alfred Fenech et"** (P. A. 16 ta' April 1991) fejn il-Qorti sostniet illi *" din il-Qorti hija tal-fehma li ma ghandiex tkun marbuta ma decizjonijiet li jillimitaw l-life expectancy sa massimu ta' ghoxrin sena", u* tali principju gie konsistentement segwit u zvillupat mill-gurisprudenza nostrali tenut kont dejjem tac-cirkostanzi kollha tal-kaz in partikolari, u inkluz *'changes and chances'* tal-hajja b'dan li l-Qorti ma ghandha tkun qatt marbuta ma "*xi massimu gia stabilit sallum li, fl-ahhar mill-ahhar, huwa dejjem arbitarju w*

*opinjonistiku".* **("Karen Zimelli vs Michael Sammut" - P.A.).**

Illi din it-tendenza giet segwita f'diversi sentenzi fosthom **"Jacqueline Cassar vs Joseph Buhagiar et"** (P.A. 1.3.1992); **"Duncan Vassallo vs Khalid Schwej"** (P.A. 8 ta' Marzu 1996); **"Robert Barbara vs Saviour Galea"** (P.A.11 ta' Ottubru 1996); **"Susan Davies vs Anthony Galea"** (P.A. 10 ta' Ottubru 1997); **"Joseph Attard vs Carmelo D'Amato"** (P.A. N.A. 5 ta' Ottubru 1999); **"George Gatt vs Francis E. Carbone"** (App. 7 ta' Lulju 1998); **"Anthony Turner et vs Francis Agius et"** (G.C.D. 17 ta' Frar 1998); **"Arthur Bonello nomine vs James Camilleri et"** (J.S.P. 13 ta' Jannar 1998), fejn ghalhekk il-*multiplier* gie aggustat sabiex jirrifletti r-realta' odjerna, u aspettattiva iktar ekwa u konformi mal-gustizzja effettiva.

Illi fil-fatt din it-tendenza, alimentata mill-animu sabiex id-danneggjat ikun verament u realment ikkumpensat tad-danni li soffra, u dan apparti l-kuncett ta' *"pain and suffering",* giet mehuda ukoll oltre f'certi pronunzjamenti mill-Qrati taghna, fosthom **"Mary Bugeja vs George Agius"** (P.A. J.H. 12 ta' Jannar 1987) li sostniet illi *"l-Qrati fil-pronunzjamenti taghhom dwar il-kriterji li ghandhom jintuzaw biex jippruvaw jaghmlu tajjeb ghall-incertezzi li l-likwidazzjoni ta' danni f'kazijiet simili, dejjem jaghtu lok ghalihom li qatt*

*ma jirrunzjaw ghall-fakolta' diskrezzjonali taghhom … … … Dik l-Onorabbli Qorti ppronunzjat ruhha li taqbel li ghandu jkun hemm certa elasticita' ta' kriterju ghaliex il-pronunzjament huwa wiehed ta' probabilita'. Id-danneggjat jinghata somma kapitali darba wahda biss li meta tinghata b'sentenza mhiex aktar soggetta ghall-ebda revizzjoni. Ghalhekk din is-somma kapitali trid tkun tikkorispondi kemm jista' jkun mar-realta`".* Din fil-fatt ghandha tkun il-mira ta' kull evalwazzjoni u kalkolazzjoni ta' danni. Din l-istess vina giet segwita fil-kawzi **"Emanuel Agius vs Joseph Galea et nomine"** (K.G.M.B. 11 ta' Lulju 1989) u **"Mario Camilleri vs Mario Borg et nomine"** (G.M.B.) fejn inghad illi *"L-Gustizzja li taf il-Qorti hija dik li fil-limiti tar-realta' u kemm huwa possibbli, terga tpoggi l-vittma, ta' kwalsiasi att ingust, fl-istat li kienet qabel … … Huwa ngust li f'dawn il-kazijiet, u fejn ir-restituzzjoni fizika tal-gisem u s-sahha tal-vittma ta' l-att illegali u ingust ta' haddiehor m'huwix possibbli, ma tassikurax kemm tista' tkun kompensazzjoni adegwata. Altru milli imprevist. L-ezercizzju huwa fuq ir-realta' sakemm hija prevedibbli a bazi ta' statistika u induzzjoni".*

Illi aktar jidher car li a bazi tal-ligi taghna, il-kwantifikazzjoni tad-danni hija f'latitudini wiesgha imhollija fid-diskrezzjoni tal-Qorti, tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u ghalkemm certi principji ghandhom jezistu, u fil-fatt jezistu ghas-soluzzjoni tal-istess, dawn certament ma humiex assoluti, u l-Qorti

zgur li ma hijiex obbligata li tapplika l-istess, specjalment meta ir-rizultat tal-applikazzjoni taghhom ma jwassalx ghall-kumpens reali u adegwat.

Illi fil-kawza fl-ismijiet "**Paul Vassallo et noe vs Carmelo Pace"** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-5 ta' Marzu, 1986 intqal illi:

"*In-numru ta' snin adottat bhala multiplier m'ghandux ikun bazat fuq l-aspettativa tal-hajja in generali tad-danneggjat izda fuq l-aspettativa tal-hajja lavorattiva tieghu u ghalhekk jittiehdu in konsiderazzjoni ic-'chances and changes' tal-hajja*".

Ukoll fil-kawza fl-ismijiet **Carmelo Camilleri vs Alfred Falzon** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-14 ta' Mejju, 1984 intqal illi:

"*Il-perjodu tal-multiplier ghandu dejjem jigi kunsidrat li jibda jiddekorri mid-data ta' l-incident. Id-danni necessarjament jigu likwidati wara l-incident, u xi drabi ftit wara l-incident u xi drabi ohra, stante proceduri legali li fin-natura taghhom jinvolvu t-trapass taz-zmien, xi ftit snin wara l-incident u eccezzjonalment bosta snin wara. Il-fatt li jkun ghadda z-zmien sa kemm jigu likwidati d-danni m'ghandux jaffettwa l-metodu ta' likwidazzjoni li ghandu dejjem jibqa l-istess billi l-perjodu tal-multiplier dejjem jibda jiddekorri mid-*

*data tal-incident. Altrimenti l-likwidazzjoni bil-multiplier ma issirx b'mod uniformi...".*

Illi dwar il-lump sum jinghad illi fil-kawza fl-ismijiet "**Paul Xuereb noe vs Emanuel Xuereb *pro et noe"*** (P.A. J.S.P.) deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Ottubru, 1995 intqal:

*"Fir-rigward tar-riduzzjoni ghall-`lump sum payment' il-Qorti, fl-iskorti ta' decizjonijiet ohra moghtija minnha kif presjeduta, jidhrilha li ... ma ghandu jsir l-ebda tnaqqis fil-persentagg solitu ta' 20 fil-mija ghal 'lump sum payment' jekk ma jkunux ghaddew aktar minn tlett snin mid-data tal- prezentata tac-citazzjoni u jekk ikun ghadda dan il-perjodu allura ghandu jsir tnaqqis ta' 2% ghal kull sena minn dik id-data".*

Illi l-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza taghha tal-5 ta' Frar, 1980 fl-ismijiet "**Vincenza Vella Dalmas vs John Ghigo et"** qalet illi:

"*B'telf ta' qliegh wiehed ma ghandux jifhem biss telf ta' salarju jew hlas iehor li huwa jircievi izda ghandu jinkludi l-ispejjez kollha li mhabba fl-infortunju l-persuna jkollha taghmel ghaliex hija se jkollha titlef dawn il-flus imhabba f'dan l-infortunju".*

Illi ghal dak li jirrigwarda l-likwidazzjoni tad-danni l-fatturi li din il-Qorti ghandha tiehu in konsiderazzjoni huma s-segwenti:

1. li l-attur kien student fi zmien tal-incident pero` sitt xhur wara l-istess beda jahdem u kwindi ghandu dhul.

2. Li huwa kellu tmintax (18) -il sena meta sehh l-incident.

3. Li huwa sofra dizabilita` permanenti ta' 3%.

Illi meta sehh l-incident l-attur ma kienx jahdem u kellu biss stipendju. Pero` sitt xhur wara l-incident beda jahdem bhala *insurance clerk* mas-socjeta` assiguratrici, mentri ghal dawn l-ahhar sentejn u nofs beda jahdem ma socjeta` assiguratrici ohra. Illi kif jirrizulta mill-P3's li ezebixxa huwa stess il-paga tieghu zdiedet maz-zmien u skond Dok JZM1 li hi ittra datata 28 ta' Frar 2001 il-paga tieghu b'effett mill-1 ta' Jannar 2001 hija ta' Lm5411 fis-sena li tinkludi l-gholi tal-hajja u *bonuses*.

Illi kwindi ladarba fiz-zmien tal-incident hu ma kienx jahdem ma jistax jigi kkalkolat ammont bi precizjoni tad-dhul tieghu f'dak iz-zmien, pero` llum perss illi beda jahdem ftit wara hemm indikazzjoni tal-ammont li kapaci jaqla' l-istess attur. Illi rrizulta li l-paga tieghu

varjat tul dawn is-snin li kien qed jahdem. Illi tenut kont ta' dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti thoss li bhala paga ghandu jitqies l-ammont ta' hames t'elef lira Maltin (Lm5,000) fis-sena.

Inoltre` l-attur kellu tmintax-il sena meta gara l-incident u ghalhekk kieku kellu jibqa' jahdem ghandu *working life expectancy* ta' cirka 42 sena u fic-cirkostanzi ma thossx li ghandha tapplika *multiplier* inqas minn dan l-ammont ta' zmien, anke ghaliex ma ngabu ebda provi ghaliex dan ghandu jkun anqas.

Illi jirrizulta wkoll illi l-attur sofra debilita` permanenti ta' 3% skond ir-rapport tal-espert mediku Mr Anthony Bernard a fol 26 *et sequitur* tal-process.

Illi ghalhekk a bazi tal-premess, l-ammont li ghandu jigi likwidat favur David Galea bhala *lucrum cessans* huwa s-segwenti:

Lm5,000 x 42 x 3% = Lm6,300

Illi minn din is-somma ghandhom jitnaqqsu 20% ta' *lump sum payment* u kwindi l-ammont li qed jigi likwidat favuru hu ta': Lm6300 – Lm1260 = Lm5040.

Illi a rigward ta' l-ammont mitlub mill-attur bhala *damnum emergens* u cioe` l-ammont ta' Lm81.00 rapprezentanti spejjez medici (vide Dok DG8 u DB9 a

fol 42 tal-process). Dan irrizulta gustifikat u bl-ebda mod ma gie kontradett.

Illi kwindi l-ammont globali li ghandu jithallas lill-attur in linea ta' danni kawza tal-incident premess hu ta' Lm5040 + Lm81 = Lm5,121 li ghandu jigi arrotondat ghall-ammont ta' hames t'elef u mitejn lira Maltin (Lm5,200), liema ammont ghandu jithallas lill-attur mill-istess konvenut.

## III. KONKLUZZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad it-tieni eccezzjoni tal-konvenut tilqa' t-talbiet attrici b'dan illi:

1. tiddikjara li l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li sehh fis-27 ta' Jannar 1996 u konsegwentement huwa responsabbli ghad-danni kollha li b'konsegwenza tal-istess garrab l-attur;

2. tillikwida d-danni sofferti mill-attur fl-ammont ta' hamest' elef u mitejn lira Maltin (Lm5,200).

3. Tikkundanna lill-istess konvenut ihallas lill-attur l-ammont ta' hamest' elef u mitejn lira Maltin

(Lm5,200) bhala danni sofferti mill-attur kawza tal-istess incident.

Bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sa l-effettiv pagament u bl-ispejjez kollha komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-13 t'Ottubru 1997, dawk tal-ittra ufficjali tal-20 ta' Settembru 1999, u dawk tal-ittra ufficjali presentata kontestwalment mac-citazzjoni ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut bl-odjerni proceduri kontra l-istess konvenut.

**Moqrija.**

**Onor Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**4 ta' Lulju, 2001**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur.**
**4 ta' Lulju, 2001**